MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 1

1 ta' April 2008

Minuti tas-seduta Nru. 1 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta l-1 ta' April 2008

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mill-Kunsillier John Buttigieg

## 1.0. Minuti

1.1. Billi din kien l-ewwel seduta ta' kunsill ġdid ma' kienx hemm minuti x'jiġu approvati.

## 2.0. Korrispondenza

2.1. Ma nqrat ebda korrispondenza billi l-Ordnijiet Permanenti jitolbu li fl-ewwel seduta ta` Kunsill ġdid jiġu trattati minnufih il-ħatriet tas-Sindku u l-Viċi-Sindku.

## 3.1. Aċċettazzjoni tal-ħatra ta` Sindku (C/2)

3.2. Is-Segretarju fetaħ is-seduta billi ġibed l-attenzjoni għall-Artiklu 25(1) ta' l-Att Dwar Kunsilli Lokali. Bis-saħħa ta' l-istess artiklu huwa talab lill-Kunsillier Robert Cutajar - il-kandidat li kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit li fl-elezzjonijiet tat-8 ta' Marzu 2008 kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri - jgħid jekk huwiex ser jaċċetta din il-kariga.

3.3. Is-Sur Cutajar wieġeb fl-affermattiv u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Minn dan il-punt 'il quddiem huwa mexxa s-seduta.

3.4. Is-Sindku R. Cutajar qal li hija l-intenzjoni tiegħu li jkompli fuq it-tajjeb li għamel il-Kunsill preċedenti. Huwa rringrazzja lill-Kunsillier J. Buttigieg li serva bħala Sindku matul is-sitt snin preċedenti, kif ukoll lill-kunsillieri kollha membri fil-Ħames Kunsill. Is-Sur Cutajar qal li personalment ser jibgħat ittra f'dan is-sens lil ħames kunsillieri li m'għadhomx jiffurmaw parti mis-Sitt Kunsill.

**4.1. Aċċettazzjoni tal-ħatra ta` Viċi Sindku (C/2)**

4.2. Is-Segretarju rrefera wkoll għall-Artiklu 25(2) ta' l-Att Dwar Kunsilli Lokali stqarr li fil-preżent għad m'hemmx persuna li tokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa għalhekk talab lill-Kunsillier Emvin Bartolo - il-kandidat li kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, minn fost il-kandidati tal-partit li fl-elezzjonijiet tat-8 ta' Marzu 2008 ġab il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri - jgħarraf lill-Kunsill dwar jekk huwiex ser jaċċetta din il-kariga.

4.3. Is-Sur Bartolo wieġeb fl-affermattiv u għalhekk iffirma dikjarazzjoni li proprju tgħid dan.

**5.1. Quddies biex ifakkar il-bidu tal-ħidma tas-Sitt Kunsill (A/5/3/Vol IX)**

5.2. Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-Kappillan sabiex Quddiesa sabiex tfakkar il-bidu tal-ħidma tas-Sitt Kunsill, nhar is-Sibt 5 ta' April 2008 fis-6.30 pm.

5.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li jkun xieraq illi ssir Quddiesa wkoll fil-parroċċa tal-Manikata. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li ssir talba lill-Kappillan tal-Manikata, sabiex il-Quddiesa ssir nhar il-Ħadd 13 ta' April 2008.

**6.1. Stedina mill-Kunsill Lokali ta' Adenau (K/1/5/1/Vol III)**

6.2. Saret referenza għal ittra datata 26 ta' Marzu 2008, mibgħuta mis-Sindku ta' Adenau Bernd Schiffarth. Fl-istess ittra saret stedina lill-Kunsill sabiex jipparteċipa f'attività li ser ssir f'Adenau bejn l-20 u t-22 ta' Ġunju 2008. Din ser jipparteċipaw fiha l-lokalitajiet ġemellati ma' Adenau – Sillery fi Franza u Castione della Presolana fl-Italja. L-okkażjoni qed tissejjah "*Midsummer – Festival with our twin towns in Adenau*".

6.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinkiseb aktar tagħrif dwar it-titjiriet bejn Malta u l-Ġermanja fid-dati msemmija, sabiex jiġu stabbiliti l-ispejjeż qabel tkun tista' tingħata tweġiba lill-Kunsill ta' Adenau.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fis-6.15 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 14 ta` April fis-7.15 pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**